MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 783/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**LORITA PACE**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Lorita Pace ta' 21 sena, imwielda Tal-Pieta' nhar id-9 ta' Lulju, 1984, bint Carmel u Sylvia nee' Zahra, residenti fil-fond numru 16, Flat 1, Telghet Rahal Gdid, Paola, detentrici tal-karta tal-identita' numru 362484 (M);

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fl-4 ta’ April, 2005, ghall-habta ta’ 11.30am, minn St Francis Grocery fi Triq Villambrosa, Hamrun, ikkommettiet serq ta’ scratch cards;

2. Fil-5 ta’ April, 2005, ghall-habta tas-7.30pm, minn gewwa Anici Pharmacy, fi Triq Anici, Qormi, ikkommettiet serq ta’ kartiera bi flus u dokumenti;

3. Fl-10 ta’ April, 2005, ghall-habta tas-7.30pm, minn The Best Pastizzeria fi Triq Manwel Magri, Hamrun, ikkommettiet serq ta’ flus, cekk u xi oggetti ohra;

4. Fit-18 ta’ Gunju, 2005, ghall-habta tas-6pm, minn Saviour Store fi Triq is-Santwarju, Zabbar, ikkomettiet serq ta’ flus;

5. Fis-6 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta tal-5.30pm, minn Ta’ Kelin Confectionery, fi Triq Santa Katerina, Birzebbuga, ikkommettiet serq ta’ flus;

6. Fid-9 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta tas-6.15pm, f’serqa ta’ flus mill-S&M Supermarket fi Triq it-Tamar, Qawra;

7. Fit-13 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta tat-3.20pm, minn A & Z Supermarket, fi Triq il-Halel, Bugibba, ikkommettiet serq ta’ sigaretti u flus;

8. Fis-18 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta tas-2.30pm, mill-Caravaggio Souvenir Shop, fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba, ikkommettiet serq ta’ zewg arloggi u xi oggetti ohra;

9. Fit-22 ta' Awissu, 2005, ghall-habta tas-7.30pm, mill-Morris Stationery, fi Triq it-Torri, Sliema, ikkommettiet serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jaqbisx l-elf lira maltin (Lm1,00.00);

10. Fis-27 ta' Awissu, 2005, ghall-habta ta' 12.15pm, minn Gucal Store, Triq Antonio Sciortino, Msida, ikkommettiet serq ta' flus;

11. Fl-1 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.20pm, mill-hanut Verdura Fresca, fi Triq il-Htajriet Mosta, ikkommettiet serq ta' sigaretti;

12. Fl-1 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.30pm, mill-Iklin Pharmacy, fi Triq Geronimo Abos, ikkommettiet serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

13. Fit-2 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.15pm, mill-Pillbox Pharmacy, fi Triq il-Bjad, Naxxar, ikkommettiet serq ta' flus u zewg cekkijiet liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00)

14. U iktar talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, irrendiet ruhha recediva *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabet hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

15. U finalment talli kisret il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li kien gie mpost fuqha b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 30 ta' Gunju, 2005, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, fl-istadju tal-ezami tal-istess imputata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 261 *et seq*, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja u tikkundannaha ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-*Probation, ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------